MALTA

# QORTI ĊIVILI
# SEZZJONI TAL-FAMILJA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum l-1 ta' Ġunju, 2018

Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 89/2018/2 LM

**Rita Borg (K.I. Numru 263651M)**

***vs.***

**Paul Borg (K.I. Numru 668847M) f'ismu proprju u bħala l-uniku azzjonista għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpannija Duwpa Company Limited (C 28061) wara korrezzjoni awtorizzata b'digriet tas-7 ta' Mejju, 2018**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors tar-rikorrenti **Rita Borg** (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrenti"), li ġie ppreżentat fl-20 ta' April, 2018, li jgħid:

*Illi l-intimat għandu l-maġġoranza tal-ishma li tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti fis-soċjetà kummerċjali Duwpa Company Limited (C 28061).*

*Illi sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha, l-esponenti tixtieq li l-Qorti toħroġ mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat milli jbiegħ, ineħħi, jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi sew b'titolu oneruż jew gratuwitu, xi beni, assi u proprjetà mobbli u immobbli jew jeddijiet marbutin magħha li tkun proprjetà tal-intimat, u b'mod partikolari:*

1. *Id-dar bin-numru tmienja u sittin (68), Triq l-Imdina, Qormi;*
2. *Garaxx li jinsab fil-livell ta' semi-basement, internament immarkat bin-numru wieħed (1), faċċata tar-rampa, ħdejn il-fond numru sitta u sebgħin (76), Triq l-Imdina, Qormi;*
3. *Garaxx bin-numru mija u tmintax (118), Triq l-Imdina, Qormi;*
4. *Dar bl-arja tagħha bin-numru mija u erbgħa u tletin (134), Triq San Bartolomew, Qormi;*
5. *Terraced house bin-numru sbatax (17), Triq il-Wied, Raħal Ġdid;*
6. *Il-vettura tal-marka Ford Transit Connect bin-numru tar-reġistrazzjoni FGV 047;*
7. *Il-vettura tal-marka Toyota Hiace bin-numru tar-reġistrazzjoni DRP 637;*
8. *Il-vettura tal-marka Isuzu Elf bin-numru ta' reġistrazzjoni FCJ 951;*

*Illi l-ħajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet sfaxxat minħabba raġunijiet imputabbli lill-intimat;*

*Illi f'aktar minn okkażjoni waħda l-intimat qal lir-rikorrenti li huwa jrid jara kif jagħmel sabiex il-beni fuq imsemmija jittrasferihom fuq ismu u fuq isem terzi u dan minkejja illi l-proprjetà kollha tal-partijiet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom.*

*Illi r-rikorrenti trid tikkawtela l-jeddijiet illi hija għandha fuq il-komunjoni tal-akkwisti – partikolarment in vista tal-fatt illi l-intimat ittrasferixxa u ġibed flus mill-kontijiet bankarji bi preġudizzju għar-rikorrenti.*

*Ir-rikorrenti tiddikjara illi ai termini tal-artikolu 843 (1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija ddeduċiet il-pretensjonijiet tagħha kif hawn dedotti permezz ta' ittra ta' medjazzjoni numru 501/2018 kontestwalment mal-preżenti fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) ai termini tal-artikolu 4(1) tal-Avviż Legali numru 397/2003, annessa u markata bħala Dok. A.*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-imsemmija soċjetà kummerċjali.*

Rat id-digriet tagħha tal-20 ta' April, 2018 fejn laqgħet ir-Rikors provviżorjament u rriservat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri, u dan ai termini tal-artikolu 875(2) tal-Kap. 12

Rat ir-Risposta tal-intimat **Paul Borg *pro et nomine*** (minn issa 'l quddiem l-*intimat pro et nomine*') ippreżentata fis-27 ta' April, 2018, li tgħid kif ġej:

*Illi din ir-risposta qed issir ai termini tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 20 t'April 2018, wara mandat ta' inibizzjoni minn Rita Borg intavolat fl-20 ta' April, 2018 li permezz tiegħu r-rikorrenti Rita Borg qed titlob lil din l-Onorabbli Qorti toħroġ il-mandat ta' inibizzjoni odjern.*

*Illi l-esponenti qed jopponi għat-talba ta' Rita Borg u jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti tiċħad dan il-mandat u dan għar-raġunijiet segwenti:*

*(A) <u>Illi ma jissussistux l-elementi kollha għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni:</u>*

*Illi skont l-artikolu 876 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:*

*(1) "Meta parti fiż-żwieġ tkun għamlet jew tkun se tagħmel quddiem il-Qorti Ċivili kawża għal separazzjoni personali, il-parti tista' titlob lil dik il-Qorti li toħroġ mandat ta' inibizzjoni:*

*…*

*(b) kontra xi soċjetà li fiha l-parti l-oħra jkollha l-maġġoranza tal-ishma li jkunu tal-komunjoni tal-akkwisti milli tbiegħ, tneħħi, tittrasferixxi jew xort'oħra tiddisponi sew b'titolu oneruż jew gratuwitu, xi proprjetà immobbli jew jeddijiet marbutin magħha li tkun proprjetà ta' dik is-soċjetà kummerċjali …"*

*(a) <u>Fl-ewwel lok, jiġi rilevat illi t-talba u l-mandat tar-rikorrenti huma konfużi għall-aħħar:</u>*

*Illi dan ir-rikors u t-talbiet huma konfużi ferm u dan stante illi fuq l-ewwel paġna r-rikorrenti stqarret li qed jiġi intavolat dan ir-rikors sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha u għaldaqstant tixtieq li l-Qorti "toħroġ mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat milli jbiegħ, ineħħi, jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi sew b'titolu oneruż jew gratuwitu, xi beni, assi u proprjetà mobbli u immobbli jew jeddijiet marbutin magħha li tkun proprjetà tal-intimat u b'mod partikolari (enfasi miżjud):*

1. *Id-dar bin-numru tmienja u sittin (68), Triq l-Imdina, Qormi;*
2. *Garaxx, li jinsab fil-livell ta' semi-basement, internament immarkat bin-numru wieħed (1), faċċata tar-rampa, ħdejn il-fond numru sitta u sebgħin (76), Triq l-Imdina, Qormi;*
3. *Garaxx bin-numru mija u tmintax (118), Triq l-Imdina, Qormi;*
4. *Dar bl-arja tagħha bin-numru mija u erbgħa u tletin (134), Triq San Bartolomew, Qormi;*
5. *Terraced house bin-numru sbatax (17), Triq il-Wied, Raħal Ġdid;*
6. *Il-vettura tal-marka Ford Transit Connect bin-numru ta' reġistrazzjoni FGV 047;*
7. *Il-vettura tal-marka Toyota Hiace bin-numru ta' reġistrazzjoni DRP 637;*
8. *IL-vettura tal-marka Isuzu Elf bin-numru ta' reġistrazzjoni FCJ 951;*

*Illi sussegwentement ir-rikorrenti talbet lil din l-Onorabbli Qorti 'toħroġ il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-imsemmija soċjetà kummerċjali';*

*Illi konsegwentement it-talba tar-rikorrenti hija konfuża oltre li kif ser jiġi spjegat iktar 'l isfel tali talba hija irritwali u insostenibbli;*

*Illi konsegwentement żgur li t-talba tar-rikorrenti ma tistax tintlaqa'.*

*(b) Fit-Tieni Lok, ir-rikorrenti m'għandha l-ebda jedd 'prima facie' u konsegwentement dan il-mandat ma hux meħtieġ:*

*Illi jiġi rrilevat illi r-rikorrenti Rita Borg ibbażat dan il-mandat ta' inibizzjoni fuq separazzjoni personali u sabiex tikkawtela 'il-jeddijiet illi hija għandha fuq il-komunjoni tal-akkwisti';*

*Illi jiġi rrilevat illi dawn il-beni elenkati ma jappartjenux lill-komunjoni tal-akkwisti iżda jappartjenu lis-soċjetà Duwpa Company Limited (C28061);*

*Illi soċjetà kummerċjali għandha personalità ġuridika distinta minn dik tal-membri tagħha, liema personalità ġuridika tibqa' fis-seħħ sakemm tkun qed topera u sakemm l-isem ta' dik is-soċjetà ma jiġix imħassar;*

*Illi konsegwentement, ir-rikorrenti m'għandha l-ebda jedd fuq l-assi msemmija f'dan il-mandat u l-proċedura idoneja sabiex tikkawtela l-interessi tagħha żgur li ma kellhiex tkun li tinibixxi lill-intimat milli jittrasferixxi assi li lanqas biss huma tiegħu.*

*Illi għaldaqstant ir-rikorrenti m'għandha l-ebda jedd prima facie;*

*(c) <u>Fit-tielet lok, dan il-mandat huwa irritwali u insostenibbli:</u>*

*Illi kif jistipula l-artikolu li fuqu huwa bbażat dan il-mandat, mandat simili kellu jsir fil-konfront tas-soċjetà Duwpa Company Limited (C28061) u mhux fil-konfront tal-intimat, oltre li kellhom jiġu ppruvati r-rekwiżiti elenkati minn tali artikolu;*

*Illi konsegwentement ir-rikorrenti ma setgħetx tagħmel mandat kontra l-intimat biex tinibixxi lill-intimat milli jassenja jew b'xi mod jittrasferixxi l-imsemmija assi li ma humiex tiegħu u fl-istess ħin titlob lil din l-Onorabbli Qorti toħroġ mandat kontra s-soċjetà kummerċjali Duwpa Company Limited meta din is-soċjetà ma hix parti minn dawn il-proċeduri, ma sarx mandat fil-konfront tagħha u saħansitra lanqas hija biss notifikata b'dan il-mandat;*

*Għaldaqstant dan il-mandat huwa irritwali u insostenibbli u konsegwentement tali mandat ma jistax jintlaqa'.*

*(d) <u>Fir-raba' lok, u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-intimat esponenti jirrileva s-segwenti:</u>*

*Illi primarjament jiġi rrilevat illi tali mandat jikkontjeni diversi allegazzjonijiet inveritieri fosthom illi ma hux minnu li ż-żwieġ sfaxxa minħabba raġunijiet imputabbli lill-intimat iżda ż-żwieġ sfaxxa fix-xejn minħabba raġunijiet imputabbli unikament lir-rikorrenti senjatament iżda mhux limitatament għal sevizzi u eċċessi da parti tar-rikorrenti fuq l-intimat. Illi inoltre ma hux minnu illi l-intimat hedded li huwa jrid jara kif jagħmel biex il-beni jittrasferihom f'ismu jew f'isem terzi;*

*Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost jekk jintlaqa' dan il-mandat is-soċjetà Duwpa Company Limited ser issofri danni inġenti u l-preġudizzju għas-soċjetà kummerċjali ikun wieħed kbir tant li tista' ġġib is-soċjetà kummerċjali f'sitwazzjoni ta' deadlock;*

*Illi konsegwentement f'każ illi l-ishma appartenenti lill-intimat f'din is-soċjetà kummerċjali jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti, dan ikun ifisser illi dan il-mandat ser ikun qed jippreġudika u jimminima anke l-komunjoni tal-akkwisti minflok jippreservaha, bi preġudizzju għall-intimat li ukoll għandu s-sehem tiegħu mill-komunjoni tal-akkwisti;*

*(e) <u>Fil-ħames lok, jiġi rrilevat illi dan il-mandat sar b'mod vessatorju u b'malizzja u konsegwentement għandhom japplikaw il-penalitajiet ikkontemplati fl-artikolu 836(6) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:</u>*

*Illi fl-umli fehma tal-esponenti intimat dan il-mandat ġie intavolat fil-konfront tiegħu bi skop vessatorju u biex jitfa' pressjoni inġusta fuq l-istess intimat u konsegwentement sar biss sabiex idejjaq lill-intimat, mingħajr ebda bażi legali u b'tentattiv li tinħoloq skumdità lill-intimat. Illi dan l-aġir huwa kundannabbli u hemm bżonn li l-Qrati tagħna jimplementaw dan l-artikolu tal-liġi, mhux tant in kwantu l-penali li jistgħu jiġu akkollati, iżda sempliċiment sabiex jiġi stabbilit preċedent fejn il-Qrati tagħna jagħtu piż lil dan l-artikolu li jinsab fil-liġi nostrana u b'hekk il-mandati ma jibqgħux jintefgħu għal saqajhom u għal skopijiet ovvji;*

*Illi dan kollu joħroġ ukoll ċar mill-fatt illi kontestwalment l-istess rikorrenti ippreżentat 3 mandati ta' inibizzjoni minflok mandat wieħed ta' inibizzjoni b'diversi talbiet;*

*Għaldaqstant l-intimat esponenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*(1) Tiċħad dan il-mandat ta' inibizzjoni bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti Rita Borg; u*
*(2) Tikkundanna lir-rikorrenti Rita Borg tħallas penali ai termini tal-atrikolu 836 (8) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
(3) *Tagħti dawk il-provvedimenti kollha meħtieġa u opportuni.*

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Mejju, 2018, li permezz tiegħu ġiet awtorizzata korrezzjoni fl-okkju kif ukoll fit-talba tar-rikorrenti, b'mod li l-okkju ġie jaqra

'Paul Borg f'ismu proprju u bħala l-uniku azzjonista għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpannija Duwpa Company Limited (C28061)', u kwantu għat-talba fis-sens illi l-mandat ta' inibizzjoni jkun kemm kontra s-soċjetà kummerċjali Duwpa Company Limited u kif ukoll f'ismu personali u ċioè Paul Borg (ID 668847M). In segwitu għal din l-awtorizzazzjoni, l-intimati ġew awtorizzati jippreżentaw risposta ulterjuri, liema risposta ġiet ippreżentata nhar il-15 ta' Mejju, 2018, u li testwalment taqra hekk:

*Illi din ir-risposta qed issir ai termini tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat sebgħa (7) ta' Mejju, 2018 wara mandat ta' inibizzjoni minn Rita Borg intavolat fl-20 ta' April, 2018, li permezz tiegħu r-rikorrenti Rita Borg qed titlob lil din l-Onorabbli Qorti toħroġ il-mandat ta' inibizzjoni odjern.*

*Illi l-esponenti jopponi għat-talba ta' Rita Borg u jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti tiċħad dan il-mandat u dan għar-raġunijiet segwenti:*

*(A) <u>Illi ma jissussistux l-elementi kollha għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni:</u>*

*Illi skont l-Artikolu 876 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:*

*"(1) Meta parti fiż-żwieġ tkun għamlet jew tkun se tagħmel quddiem il-Qorti Ċivili kawża għal separazzjoni personali, il-parti tista' titlob lil dik il-qorti li toħroġ mandat ta' inibizzjoni:*

*...*

*(b) kontra xi soċjetà li fiha l-parti l-oħra jkollha maġġoranza tal-ishma li jkunu tal-komunjoni tal-akkwisti milli tbiegħ, tneħħi, tittrasferixxi jew xort'oħra tiddisponi sew b'titolu oneruż jew gratuwitu, xi proprjetà immobbli jew jeddijiet marbutin magħha li tkun proprjetà ta' dik is-soċjetà kummerċjali; ..."*

*(a) <u>Fl-ewwel lok, jiġi rrilevat illi t-talba u l-mandat tar-rikorrenti huma konfużi għall-aħħar:</u>*

*Illi primarjament jiġi rrilevat illi r-rikorrenti bil-ġurament tagħha kkonfermat u talbet lill-Qorti "toħroġ mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat milli jbiegħ, ineħħi, jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi sew b'titolu oneruż jew gratuwitu, xi beni, assi u proprjetà mobbli u immobbli jew jeddijiet marbutin magħha li tkun proprjetà tal-intimat u b'mod partikolari" (enfasi miżjud)*

1. *Id-dar bin-numru tmienja u sittin (68), Triq l-Imdina, Qormi;*
2. *Garaxx, li jinsab fil-livell ta' semi-basement, internament immarkat bin-numru wieħed (1), faċċata tar-rampa, ħdejn il-fond numru sitta u sebgħin (76), Triq l-Imdina, Qormi;*
3. *Garaxx bin-numru mija u tmintax (118), Triq l-Imdina, Qormi;*
4. *Dar bl-arja tagħha bin-numru mija u erbgħa u tletin (134), Triq San Bartolomew, Qormi;*
5. *Terraced house bin-numru sbatax (17), Triq il-Wied, Raħal Ġdid;*
6. *Il-vettura tal-marka Ford Transit Connect bin-numru ta' reġistrazzjoni FGV 047;*
7. *Il-vettura tal-marka Toyota Hiace bin-numru ta' reġistrazzjoni DRP 637;*
8. *Il-vettura tal-marka Isuzu Elf bin-numru ta' reġistrazzjoni FCJ 951;*

*Illi sussegwentement ir-rikorrenti talbet lil din l-Onorabbli Qorti "toħroġ il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-imsemmija soċjetà kummerċjali u kif ukoll f'ismu personali u ċioè Paul Borg ID 668847M";*

*Illi primarjament ġialadarba r-rikorrenti bil-ġurament tagħha stess qed tgħid illi dawn l-immobbli u l-vetturi jappartjenu lill-intimat, konsegwentement talba fil-konfront tal-imsemmija soċjetà kummerċjali ma tissussistix u ma tistax tintlaqa';*

*(b) Fit-tieni lok, dan il-mandat huwa irritwali u insostenibbli:*

*Illi kif jistipula l-artikolu li fuqu huwa bbażat dan il-mandat, mandat simili kellu jsir fil-konfront tas-soċjetà Duwpa Company Limited (C 28061) u mhux fil-konfront tal-intimat, oltre li kellhom jiġu ppruvati r-rekwiżiti elenkati minn tali artikolu;*

*Illi konsegwentement ir-rikorrenti ma setgħetx tagħmel mandat kontra l-intimat biex tinibixxi lill-intimat milli jassenja jew b'xi mod jittrasferixxi l-imsemmija assi li ma humiex tiegħu u fl-istess ħin titlob lil din l-Onorabbli Qorti toħroġ mandat kontra s-soċjetà kummerċjali Duwpa Company Limited meta din is-soċjetà ma hix*

*parti minn dawn il-proċeduri, ma sarx mandat fil-konfront tagħha u saħansitra lanqas hija biss notifikata b'dan il-mandat;*

*Illi inoltre kif ser jiġi rrilevat aktar 'l isfel, soċjetà kummerċjali għandha personalità ġuridika distinta minn dik tal-membri tagħha, liema personalità ġuridika tibqa' fis-seħħ sakemm tkun qed topera u sakemm l-isem ta' dik is-soċjetà ma jiġix imħassar.*

*Għaldaqstant dan il-mandat huwa insostenibbli u konsegwentement tali mandat ma jistax jintlaqa'.*

*(c) <u>Fit-tielet lok, ir-rikorrenti m'għandha l-ebda jedd 'prima facie' u konsegwentement dan il-mandat ma hux meħtieġ:</u>*

*Illi jiġi rilevat illi r-rikorrenti Rita Borg ibbażat dan il-mandat ta' inibizzjoni fuq separazzjoni personali u sabiex tikkawtela 'l-jeddijiet illi hija għandha fuq il-komunjoni tal-akkwisti';*

*Illi jiġi rrilevat illi r-rikorrenti għandha tipprova l-jedd 'prima facie' pretiż minnha;*

*Illi inoltre kif ser jiġi rrilevat aktar 'l isfel, soċjetà kummerċjali għandha personalità ġuridika distinta minn dik tal-membri tagħha, liema personalità ġuridika tibqa' fis-seħħ sakemm tkun qed topera u sakemm l-isem ta' dik is-soċjetà ma jiġix imħassar;*

*Illi konsegwentement, ir-rikorrenti m'għandha l-ebda jedd fuq l-assi msemmija f'dan il-mandat u l-proċeduri idoneji sabiex tikkawtela l-interessi tagħha żgur li ma kellhiex tkun li tinibixxi lill-intimat milli jittrasferixxi assi li lanqas biss huma tiegħu;*

*Illi għaldaqstant ir-rikorrenti m'għandha l-ebda jedd prima facie.*

*(d) <u>Fir-raba' lok, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, f'każ li dan il-mandat jintlaqa' ser tkun is-soċjetà Duwpa Company Limited li ser tkun qed issofri preġudizzju irrimedjabbli u mhux Rita Borg:</u>*

*Illi gialadarba soċjetà kummerċjali għandha personalità ġuridika distinta minn dik tal-membri tagħha, fl-umli fehma tal-esponenti għandha ssir distinzjoni bejn soċjetà kummerċjali u l-azzjonisti tagħha:*

*Illi jiġi rrilevat illi kif jidher mill-Memorandum and Articles of Association tal-Kumpanija tnejn mill-oġġettivi tal-Kumpanija huma:*

> *"(a) to purchase, take on lease or otherwise acquire by emphyteusis or any other title valid at law any movable or immovable property.*
>
> *(b) to sell, to let on lease, transfer, grant by title of emphyteusis, hypothecate, charge or otherwise dispose under any title valid at law any movable or immovable property."*

*Illi konsegwentement dan il-mandat ta' inibizzjoni ser iġib lis-soċjetà Duwpa Company Limited f'sitwazzjoni ta' deadlock totali fil-ġestjoni u l-amministrazzjoni tagħha li jagħmilha impossibbli għas-soċjetà Duwpa Company Limited li topera u addirittura ser iwassal sabiex in-negozju tas-soċjetà Duwpa Company Limited ser ikun sospiż;*

*Illi dan ser iwassal mhux biss għal telf ta' qligħ da parti tas-soċjetà esponenti talli ser iwassal lis-soċjetà esponenti għall-proċeduri ta' xoljiment tal-kumpannija;*

*Illi inoltre dan il-mandat ser ikun qed iġib ukoll sitwazzjoni ta' nuqqas ta' cashflow b'mod li jagħmilha impossibbli li topera u b'mod li jagħmilha impossibbli li tonora l-obbligi tagħha versu l-impjegati tagħha bl-uniku soluzzjoni tkun li twaqqaf l-operat tal-kumpannija u tkeċċi lill-ħaddiema;*

*Illi konsegwentement dan ser ikun qed jirreka dannu irrimedjabbli lis-soċjetà esponenti li fl-aħħar mill-aħħar ser iwassal għal din il-kumpannija li tagħlaq u ma tibqax fis-seħħ;*

*Illi għar-raġunijiet suesposti dan il-mandat ser ikollu dannu irreparabbli fil-konfront tas-soċjetà Duwpa Company Limited u kif ukoll fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti.*

*(e) <u>Fil-ħames lok, u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-intimat esponenti jirrileva s-segwenti:</u>*

*Illi primarjament jiġi rrilevat illi tali mandat jikkontjeni diversi allegozzjonijiet inveritieri fosthom illi ma hux minnu li ż-żwieġ sfaxxa minħabba raġunijiet imputabbli lill-intimat iżda ż-żwieġ sfaxxa fix-xejn minħabba raġunijiet imputabbli unikament lir-rikorrenti senjatament iżda mhux limitatament għal sevizzi u eċċessi da parti tar-rikorrenti fuq l-intimat. Illi inoltre ma hux minnu illi l-intimat hedded li huwa jrid jara kif jagħmel biex il-beni jittrasferihom f'ismu jew f'isem terzi;*

*Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost jekk jintlaqa' dan il-mandat is-soċjetà Duwpa Company Limited ser issofri danni inġenti u l-preġudizzju għas-soċjetà kummerċjali ikun wieħed kbir tant li tista' ġġib is-soċjetà kummerċjali f'sitwazzjoni ta' deadlock;*

*Illi konsegwentement ġialadarba l-ishma appartenenti lill-intimat f'din is-soċjetà kummerċjali jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti, dan ikun ifisser illi dan il-mandat ser ikun qed jippreġudika u jimminima anke l-komunjoni tal-akkwisti minflok jippreservaha, bi preġudizzju għall-intimat li ukoll għandu s-sehem tiegħu mill-komunjoni tal-akkwisti;*

*Illi di più, ir-rikorrenti ilha xhur li abbandunat id-dar matrimonjali u f'dawn ix-xhur l-intimat esponenti qatt ma għamel xejn sabiex jippreġudika l-ishma fis-soċjetà imsemmija. Inoltre kontestwalment saru wkoll żewġ mandati ta' inibizzjoni oltre mandat ta' sekwestru u dan juri kemm din it-talba tar-rikorrenti Rita Borg qed issir biss minħabba pika, u mhux minħabba biżgħa li allegatament ir-rikorrenti ser tiġi ppreġudikata. Dan l-aġir huwa penalizzat bil-liġi kif ser jiġi spjegat aktar 'l isfel.*

*(f) <u>Fil-ħames lok, jiġi rrilevat illi tali mandat sar b'mod vessatorju u b'malizzja u konsegwentement għandhom japplikaw il-penalitajiet kontemplati fl-artikolu 836 (8) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:</u>*

*Illi fl-umli fehma tal-esponenti intimat dan il-mandat ġie intavolat fil-konfront tiegħu bi skop vessatorju u biex jitfa' pressjoni inġusta fuq l-istess intimat u konsegwentement sar biss sabiex idejjaq lill-intimat, mingħajr ebda bażi legali u b'tentattiv li tinħoloq skumdità lill-intimat. Illi dan l-aġir huwa kundannabbli u hemm bżonn li l-Qrati tagħna jimplimentaw dan l-artikolu tal-liġi, mhux tant in kwantu l-penali li jistgħu jiġu akkollati, iżda sempliċiment sabiex jiġi stabbilit preċedent fejn il-Qrati tagħna jagħtu piż lil dan l-artikolu li jinsab fil-liġi nostrana u b'hekk il-mandati ma jibqgħux jintefgħu għal saqajhom għal skopijiet ovvji.*

*Illi dan kollu joħroġ ukoll ċar mill-fatt li kontestwalment l-istess rikorrenti ippreżentat 3 mandati ta' inibizzjoni minflok mandat wieħed ta' inibizzjoni b'diversi talbiet;*

*Għaldaqstant l-intimat esponenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*(1) Tirrevoka contrario imperio d-digriet tagħha tal-20 ta' April, 2018 permezz ta' liema dan il-mandat intlaqa' provviżorjament;*

*(2) Tiċħad dan il-mandat ta' inibizzjoni bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti Rita Borg; u*

*(3) Tikkundanna lir-rikorrenti Rita Borg tħallas penali ai termini tal-artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*(4) Tagħti dawk il-provvedimenti kollha meħtieġa u opportuni.*

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tar-Rikors.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-24 ta' Mejju, 2018 fejn ir-Rikors tħalla għal provvediment kamerali li qed jingħata llum.

Rat l-artikoli rilevanti tal-Kap. 12 relattivi għal mandati ta' inibizzjoni, u partikolarment l-artikoli 831, u 873 sa 877 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Ir-rikorrenti qiegħda tressaq talba għall-ħruġ tal-mandat odjern fid-dawl tal-fatt li żewġha, Paul Borg, għandu l-maġġoranza tal-ishma fis-soċjetà

kummerċjali Duwpa Company Limited, liema kumpannija tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet, stante li ġiet irreġistata matul iż-żwieġ bejn il-kontendenti. Ir-rikorrenti qiegħda tittenta tinibixxi lill-intimat milli jbiegħ, ineħħi, jittrasferixxi jew jiddisponi b'titolu oneruż jew gratuwitu, numru ta' beni u assi, fosthom proprjetà immobbli u vetturi, li huma proprjetà tas-soċjetà kummerċjali Duwpa Company Limited. Ir-rikorrenti qiegħda titlob dan minħabba li wara li l-ħajja matrimonjali bejn il-partijiet sfaxxat, l-intimat allegatament hedded lir-rikorrenti li ser jittrasferixxi l-beni f'ismu u f'isem terzi. Ir-rikorrenti tallega li l-intimat diġà ġibed flejjes mill-kontijiet bankarji li kienu jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti, u li dan sar mingħajr il-kunsens tagħha. Hija rrilevat ukoll li xi żmien qabel ġew intavolati l-mandati ta' inibizzjoni kontra l-intimat, hi kienet bdiet proċeduri ta' medjazzjoni, bl-intiża li jekk dawn ma jirnexxux, il-partijiet jersqu għas-separazzjoni personali bejniethom.

L-intimat min-naħa tiegħu wieġeb li dan il-mandat m'għandux jintlaqa' u dan minħabba li t-talbiet tar-rikorrenti huma msejsa fuq l-artikolu 876(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jispeċifika li meta xi ħadd mill-konjugi jkun ser jagħmel kawża għal separazzjoni personali, jista' jitlob l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra soċjetà kummerċjali li fiha l-parti l-oħra fiż-żwieġ ikollha l-maġġoranza tal-ishma li jkunu tal-komunjoni tal-akkwisti, sabiex dik il-parti ma tkunx tista' tbiegħ, tneħħi, tittrasferixxi jew tiddisponi minn xi proprjetajiet immobbli jew minn xi jedd marbutin magħha. Madanakollu, l-intimat jgħid li r-rikorrenti qiegħda tagħmel talbiet konfużi u dan minħabba li f'xi waqtiet

tallega li dawn il-proprjetajiet huma assi personali tal-intimat, u waqtiet oħra tallega li dawn huma beni tas-soċjetà kummerċjali Duwpa Company Limited. L-intimat eċċepixxa li r-rikorrenti m'għandhiex jedd *prima facie* tinibixxi lilu jew lis-soċjetà kummerċjali Duwpa Company Limited b'dan il-mod, u dan minħabba li l-assi inkwistjoni jappartjenu lis-soċjetà kummerċjali intimata li għandha personalità ġuridika distinta minn dik tal-membri tagħha, u li għalhekk dawk l-assi mhumiex tal-intimat. L-intimat eċċepixxa wkoll, li r-rikors promotur ippreżentat oriġinarjament kien irritwali u insostenibbli u dan minħabba li l-mandat kellu jsir kontra Duwpa Company Limited, li ma kinitx parti minn dawn il-proċeduri. Eċċezzjonijiet oħra li ngħataw kienu li ż-żwieġ mhux veru li sfaxxa għal raġunijiet imputabbli lill-intimat u li jekk jintlaqa' l-mandat, dan ser jikkawża preġudizzju kbir lilu u lin-negozju li hu jiġġestixxi minħabba li jekk hu jiġi inibit milli jbiegħ jew jittrasferixxi proprjetà immobbli, ser tiġi kkawżata problema ta' nuqqas ta' likwidità għas-soċjetà kummerċjali Duwpa Company Limited, bir-riskju li din ma tkunx tista' tibqa' topera kif suppost, u bil-konsegwenza li l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti jiġu affettwati negattivament u dan minħabba li s-soċjetà kummerċjali inkwistjoni tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti. Il-konklużjoni li wasal għaliha l-intimat hi li dan il-mandat sar sabiex idejqu u jivvessah, u għalhekk talab lil din il-Qorti tikkundanna lir-rikorrenti tħallas il-penali komminati mill-artikolu 836(8) f'dan ir-rigward.

**Provi u riżultanzi**

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li l-partijiet ikkontrattaw żwieġ bejniethom fis-sena 1990, u li fl-20 ta' April, 2018, id-difensur tar-rikorrenti bagħat ittra lir-Reġistratur tal-Qorti tal-Familja sabiex jitlob il-ħatra ta' medjatur, stante li l-partijiet kienu qegħdin jisseparaw. Jirriżulta li l-intimat hu direttur uniku tas-soċjetà bl-isem Duwpa Company Limited (C 28061), b'indirizz reġistrat ġewwa 76, Mdina Road, Qormi. Ġew esebiti kopja tal-Memorandum & Articles of Association ta' Duwpa Company Limited (C 28061)[1], kif ukoll kopja taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tas-soċjetà Duwpa Company Limited bid-data tas-17 ta' April, 2001[2], li jinsab, minn fejn jirriżulta li Paul Borg huwa l-uniku direttur ta' Duwpa Company Limited, kif ukoll li r-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tas-soċjetà kummerċjali hi vestita unikament fih. Klawsola partikolari fil-*Memorandum & Articles of Association* tispeċifika illi:

> "*Deals of whatsoever nature engaging to bind the company as well as cheques, promissory notes and other negotiable instruments shall be signed, made, executed, drawn, accepted and endorsed ... by Mr Paul Borg.*"

Ir-rikorrenti esebiet ukoll kopja tar-riċerki tas-soċjetà kummerċjali DUWPA Company Limited, minn fejn jirriżulta li din is-soċjetà kummerċjali dejjem innegozjat biex takkwista l-proprjetà immobbli, filwaqt li qatt ma biegħet proprjetajiet akkwistati minnha.

[1] *A fol.* 23.
[2] *A fol.* 26.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Illi skont l-artikolu 873(1) tal-Kap. 12 li jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, l-iskop ta' mandat ta' din ix-xorta huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

Illi skont l-artikolu 873(2) tal-Kap. 12:

> "873. (2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet."

Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:

(1) Ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju għal xi jedd tar-rikorrenti. Il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, 'l hekk imsejjaħ *periculum in mora;*[3]

(2) Iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd. Tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-artikolu 873 tal-Kap. 12, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest sabiex jiġi akkordat il-ħruġ tal-Mandat, huwa wieħed "li ma jkunx jista' jiġi

[3] Ara f'dan is-sens **Sonia Grech *pro et noe vs. Stephanie* Manfré** – Q.A., 14.07.1988, Kollez.Vol. LXXII.ii.290 u **40, Main Street Catering Establishment Limited *vs.* L-Awtorità tal-Ippjanar**, P.A., 02.11.2010.

rrimedjat". Irid jingħad ukoll illi jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.

Illi apparti dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċjoè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara *et vs.* Carmelo Barbara *et***[4]:

> "Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi.";

Il-Qorti m'għandhiex toħroġ mandat bħal dan jekk ma tkunx sodisfatta li l-imsemmi mandat huwa neċessarju sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent u ċjoè dannu irrimedjabbli li jinneċessita rimedju adegwabbli. F'sentenzi oħrajn il-Qrati tagħna jkomplu jelaboraw fuq dak li jfisser dannu irrimedjabbli u l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri fl-ismijiet **Angelo Xuereb *et noe vs.* Marin Hili *et noe*** (Rikors Numru 3135/94) tispjega:

> "… il-frażi 'tkun ta' ħsara' (fl-Art. 873(1) tal-Kap. 12) għandha tingħata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jiġi inibit, jekk ma jiġix inibit, jista' jkun ta' preġudizzju fis-sens li mhux biss jikkawża ħsara però li jikkawża ħsara li m'hemmx alternattiva għalih almenu fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva hija sproporzjonata …".[5]

[4] P.A., 13.05.2014.

[5] Dan l-insenjament jirrifletti duttrina illi kienet diġà ġiet stabbilita u enunċjata preċedentement mill-Qrati nostrani fosthom, *inter alia*, fil-proċeduri fl-ismijiet **Avukat Dottor Victor Borg Grech vs. Joseph Gasan et** (Rikors Nru. 3984/92), **Victor Mizzi vs. Joseph Gasan et** (Rikors Nru. 4216/92) u fid-digriet fl-ismijiet **Perit John Gambina vs. Fithome Limited**, P.A., 28.01.2005.

(3) ikun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu dak il-jedd. Il-liġi tħares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie*, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, l-Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Sonia Grech *pro et noe vs.* Stephanie Manfré**[6] sostniet is-segwenti:

> "... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."

Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż huwiex suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.

Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, li jkun hemm *fumus boni iuris*. Huwa loġiku li billi l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun fil-mertu, il-Mandat jinħareġ favur dak li "jidher", fi kliem l-istess liġi, mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun, jiġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-

[6] 14.07.1988, Kollez. LXXII.II.295.

naħa l-waħda jeskludi pretensjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretensjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa' fil-mertu. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretensjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.

Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:

(4) Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Mugliett *vs.* Saviour Bonnici**:

> "Illi … l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. Il-ħarsien li l-liġi qegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa

> dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."[7];

(5) "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel *(arm twisting)* lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din."[8]

(6) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.[9]

**Ikkunsidrat:**

Jidher li l-azzjoni attriċi hija msejsa fuq il-provvedimenti tal-Artikolu 876 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li testwalment jaqra hekk:

> (1) Meta parti fiż-żwieġ tkun għamlet jew tkun se tagħmel quddiem il-Qorti Ċivili kawża għal separazzjoni personali, il-parti tista' titlob lil dik il-Qorti li toħroġ mandat ta' inibizzjoni:

---

[7] P.A., 25.01.2005.
[8] Ara sentenza fl-ismijiet **Avukat Dr John Gauci *vs.* Direttur tal-Kuntratti**, P.A., 18.07.2008.
[9] **Marica Cassar *et vs.* Del Sol Properties Limited,** P.A., 27.12.16.

> Kontra xi soċjetà li fiha l-parti l-oħra jkollha l-maġġoranza tal-ishma li jkunu tal-komunjoni tal-akkwisti milli tbiegħ, tneħħi, tittrasferixxi jew tiddisponi minn xi proprjetà immobbli jew jeddijiet marbutin magħha ..."

Fil-każ in eżami, m'hemmx dubju li *prima facie*, ir-rikorrenti, Rita Borg, għandha l-jedd li tikkawtela kwalsiasi pretensjoni li hija għandha fuq l-assi tas-soċjetà kummerċjali Duwpa Company Limited, liema soċjetà jirriżulta li hi effettivament amministrata, irregolata u kkontrollata kompletament mill-intimat, minkejja li din ġiet iffurmata matul iż-żwieġ tal-partijiet. L-intimat huwa l-uniku azzjonista tal-imsemmija soċjetà kummerċjali, u in vista tal-fatt li r-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tal-istess soċjetà hi vestita kompletament fih, bir-riżultat li jistgħu jsiru trasferimenti ta' proprjetajiet jew ta' assi oħra tal-istess soċjetà mingħajr il-ħtieġa li r-rikorrenti tiġi mgħarrfa b'dan jew li tidher fuq il-kuntratt ta' trasferiment, hemm il-ħtieġa li r-rikorrenti tikkawtela kwalsiasi jedd li jista' jkollha fuq dawn l-assi, li sa fejn huma assi appartenenti lis-soċjetà kummerċjali li ġiet imwaqqfa matul iż-żwieġ bejn il-partijiet, huma wkoll assi tal-komunjoni tal-akkwisti. Minn dan jirriżulta li Rita Borg għandha jedd tikkawtela l-jedd vantat minnha fir-rikors promutur. F'dan ir-rigward, il-Qorti qieset li jeżisti l-*periculum in mora,* u li jistgħu jsiru atti min-naħa tal-intimat li jistgħu jippreġudikaw lir-rikorrenti fil-perijodu li fih it-termini tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet għadhom ma ġewx miftiehma u maqbula.

Il-Qorti sejra tikkunsidra jekk il-mandat t'inibizzjoni li r-rikorrenti qiegħda titlob li jintlaqa', huwiex meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet vantati minnha.

Mill-kopja tal-*Memorandum and Articles* esebiti fl-atti ta' dawn il-proċeduri[10], jirriżulta li l-intimat mhux biss huwa d-direttur tas-soċjetà kummerċjali Duwpa Company Limited, iżda huwa wkoll l-uniku azzjonist u s-segretarju tagħha. Din il-Qorti temmen li jekk ma jiġix milqugħ il-mandat ta' inibizzjoni mitlub, dan jista' jwassal għal preġudizzju gravi u ħsara irrimedjabbli għall-jeddijiet tar-rikorrenti, u dan in vista tal-fatt li jistgħu jiġu ttrasferiti l-assi tas-soċjetà kummerċjali mingħajr ma tkun mgħarrfa r-rikorrenti b'dan, tenut kont ukoll li m'hemmx il-ħtieġa li r-rikorrenti tidher wkoll fuq kwalsiasi att ta' trasferiment ta' dawn l-assi, u dan fil-perijodu sakemm it-termini tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet għadhom ma ġewx miftiehma u maqbula. Il-Qorti tirrileva wkoll, fid-dawl ta' wħud mill-eċċezzjonijiet imressqa mill-intimat, li dan mhux il-forum adattat fejn jiġi diskuss min mill-partijiet ikkontribwixxa għall-istat ta' fatt li qegħdin fih illum il-partijiet, u jekk il-ħtija tas-separazzjoni personali għandhiex tiġi attribwita lil xi parti jew oħra.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll dak li jirriżulta mill-provi prodotti u dak li semgħet waqt it-trattazzjoni li saret mid-difensuri tal-partijiet, minn fejn jirriżulta li s-soċjetà Duwpa Company Limited qatt ma biegħet jew ittrasferiet il-proprjetà akkwistata minnha, iżda dejjem akkwistat, b'kuntratti li kienu jiġu ffirmati mill-intimat waħdu, bħala r-rappreżentant tas-soċjetà kummerċjali intimata miegħu f'dawn il-proċeduri. Dan il-fatt waħdu jindika li m'hemmx il-ħtieġa ta' flejjes iġġenerati mill-bejgħ u t-trasferiment tal-assi tas-soċjetà kummerċjali intimata f'dawn il-proċeduri biex in-negozju tagħha jiġi ġestit, u li

[10] *A fol.* 23 sa 29.

għaldaqstant l-ħruġ ta' dan il-mandat mhux ser jikkawża l-preġudizzju li qegħdin jallegaw l-intimati, li qegħdin jgħidu li s-soċjetà Duwpa Company Limited ser tispiċċa mingħajr likwidità u mingħajr mezzi biex tħallas il-pagi tal-ħaddiema jew biex topera. Il-Qorti kkunsidrat, anki fid-dawl tal-fatt li l-intimati ma ġabu l-ebda prova ta' kemm huma l-pagi li jridu jinħarġu fuq bażi regolari, u kemm hemm ħaddiema impjegati ma' din is-soċjetà kummerċjali, li l-preġudizzju li tista' ssofri r-rikorrenti f'każ li meta jinqasmu l-beni tal-komunjoni tal-akkwisti ssib li wħud mill-assi tal-komunjoni ġew ittrasferiti jew addirittura sparpaljati, huwa ferm akbar mill-preġudizzju li jistgħu jsofru l-intimati.

**<u>Decide</u>**

**Illi għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti tilqa' b'mod definittiv it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha, billi żżomm lill-intimat milli jbiegħ, ineħħi, jittrasferixxi, jew jiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi beni, assi u proprjetà mobbli u immobbli jew jeddijiet marbutin magħha li tkun proprjetà tal-intimat, u b'mod partikolari:**

1. **Id-dar bin-numru tmienja u sittin (68), Triq l-Imdina, Qormi;**
2. **Garaxx li jinsab fil-livell ta' *semi-basement*, internament immarkat bin-numru wieħed (1), faċċata tar-rampa, ħdejn il-fond numru sitta u sebgħin (76), Triq l-Imdina, Qormi;**

3. **Garaxx bin-numru mija u tmintax (118), Triq l-Imdina, Qormi;**
4. **Dar bl-arja tagħha bin-numru mija u erbgħa u tletin (134), Triq San Bartolomew, Qormi;**
5. ***Terraced house* bin-numru sbatax (17), Triq il-Wied, Raħal Ġdid;**
6. **Il-vettura tal-marka Ford Transit Connect bin-numru tar-reġistrazzjoni FGV 047;**
7. **Il-vettura tal-marka Toyota Hiace bin-numru ta' reġistrazzjoni DRP 637;**
8. **Il-vettura tal-marka Isuzu Elf bin-numru ta' reġistrazzjoni FCJ 951.**

**Tordna lir-Reġistratur Qrati u Tribunali Ċivili sabiex fi żmien erbgħa u għoxrin (24) siegħa jikkomunika l-atti ta' dan il-Mandat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lir-Reġistratur tal-Artijiet u lil Transport Malta.**

**Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Mogħti kameralment fl-1 ta' Ġunju, 2018.